MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1203/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Bank of Valletta p.l.c., fejn din, wara li ppremettiet illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, datat 28 t’Ottubru 2009 (Dok. “A”), u permezz ta’ skrittura privata datata l-1 ta’ Gunju 2010 (Dok. “B”), is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova.

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova fis-somma ta’ mija u sebgha u hamsin elf, erba’ mija u hmistax-il Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€157,415.83), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C”, “D”, “E1 sa E2” u “F”), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta’ Settembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. “A” u “B”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova;

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 30 ta’ Gunju 2011, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. ‘G’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. “A” u “B”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt

u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

Tikkundanna lil Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova jhallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjeta' attrici, is-somma ta' mija u sebgha u hamsin elf, erba' mija u hmistax-il Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€157,415.83), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Owen Sciberras u Oxana Sciberras Stupnikova mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", "D", "E1 sa E2" u "F"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Settembru 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Gunju 2011, kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra Owen Sciberras mis-socjeta' mittenti ghall-bilanci ohra minnu dovuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm, debitament notifikati, l-intimati baqghu ma pprezentaw ebda twegiba ghall-kawza.

Rat in-nota datata 23 ta' Frar 2012, li biha, l-istess intimati ammettew it-talbiet tal-bank attur.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq ammissjoni tal-intimati, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c.; tilqa' t-tieni talba, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------